

Brussell, 25 ta' April 2025
(OR. en)

8259/25
ADD 6

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0096(COD)

TRANS 146
CODEC 473
IA 31

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2025) 97 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokumenti Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/45/UE dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, id-Direttiva 2014/47/UE dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi rreġistrata fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/37/KE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2025) 97 final.

Mehmuż: SWD(2025) 97 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.4.2025
SWD(2025) 97 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokumenti

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/45/UE dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, id-Direttiva 2014/47/UE dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni tal-vetturi u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi rreġistrata fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/37/KE

{COM(2025) 179 final} - {COM(2025) 180 final} - {SEC(2025) 119 final} -
{SWD(2025) 96 final} - {SWD(2025) 98 final} - {SWD(2025) 99 final}

A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni

X'inhi l-problema u għalfejn hi problema fil-livell tal-UE?

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tevalwa u tkompli ttejjeb l-impatt tal-vetturi tat-tliet Direttivi tal-Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali (RWP) fuq is-sikurezza fit-toroq u l-prestazzjoni ambjentali. Minkejja l-leġislazzjoni eżistenti tal-UE kif ukoll xi titjib fit-teknoloġiji tal-vetturi, inkluż is-sikurezza attiva u s-sistemi ta' assistenza intelliġenti għas-sewwieqa f'vetturi ġodda, fit-toroq tal-UE għad hemm vetturi mhux sikuri, u dan jikkontribwixxi għal ħabtiet, bħala l-kawża ewlenija jew bħala fattur kontributorju. Uħud mill-vetturi mhux sikuri jiġu identifikati waqt l-ispezzjoni teknika perjodika (PTI) jew waqt spezzjoni tul xi traġitt (RSI), jiġifieri jkunu vetturi b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi. Jista' jkun li xi vetturi ma jiġux identifikati li għandhom dawn in-nuqqasijiet, u dan għax il-PTI jew l-RSI ma jkunux jistgħu jidentifikawhom, jew inkella għax ma jkunux soġġetti għall-ittestjar. Dawn jinkludu l-vetturi bi tbaġħbis relatat mas-sikurezza u l-vetturi b'difetti fl-irbit tal-merkanzija.

It-tieni problema hija l-kontroll insuffiċjenti tal-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa tal-arja u tal-istorbju tal-vetturi. Sal-lum, uħud mit-testijiet użati fil-PTIs m'għadhomx sensitivi biżżejjed biex jidentifikaw il-fallimenti relatati mal-emissjonijiet, u l-proċeduri attwali tal-ittestjar mhumiex adattati biex jilhqqu l-għanijiet tal-politika tal-UE fir-rigward tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju. Il-kejl tal-valuri tal-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu (NOx) jew tan-numru tal-partikoli (PN) għall-karozzi l-ġodda għadu mhux kopert mill-RWP attwali u s'issa m'hemm l-ebda dispożizzjoni tal-UE għall-ittestjar tal-vetturi b'rabta ma' manipolazzjoni jew difett fis-sistemi tat-tnaqqis tal-NOx jew fil-filtri tal-partikoli tad-diżil. Minħabba dawn in-nuqqasijiet, il-kontribut tal-RWP għat-tnaqqis tal-għadd ta' vetturi b'emissjonijiet qawwijin sar inqas rilevanti. Barra minn hekk, id-Direttivi mhumiex effettivi fl-infurzar tar-regoli tat-traffiku transfruntier u l-kummerċ tal-vetturi fl-UE.

Id-Direttivi RWP kienu soġġetti għal evalwazzjoni *ex post* li saret eżattament qabel l-valutazzjoni tal-impatt. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-RWP irnexxielu jilħaq l-oġġettivi tiegħu biss parzjalment, f'li jikkontribwixxi għal aktar sikurezza fit-toroq u li jgħin biex jonqsu l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa tal-arja mit-trasport bit-triq. Il-vetturi difettużi xorta mhux dejjem ikunu jistgħu jiġu identifikati, għax f'xi Stati Membri ċerti kategoriji ta' vetturi mhumiex soġġetti għal PTI jew RSI, jew għax il-frekwenza jew l-ambitu tal-ittestjar ma jiġux adattati għar-riskju akbar tagħhom fir-rigward tas-sikurezza u l-ambjent. Id-dgħufijiet identifikati fl-RWP attwali jeħtieġu adattament tad-Direttivi ħalli mhux biss jiġu indirizzati l-ħtiġijiet attwali iżda anki l-isfidi futuri, fosthom l-ittestjar ta' sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieqa, u ta' sistemi awtomatizzati.

It-trasport bit-triq, speċjalment il-merkanzija, hu settur internazzjonali, u l-approvazzjoni u l-ispezzjoni tal-vetturi huma regolati fil-livell tal-UE u fil-livell internazzjonali (UNECE). Għalhekk, minnu nnifsu, dan għandu dimensjoni transfruntiera b'saħħitha. Il-problemi identifikati japplikaw għall-Unjoni kollha u għandhom l-istess kawżi sottostanti.

Xi jrid jinkiseb?

F'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, l-inizjattiva se tikkontribwixxi biex titjeb is-sikurezza fit-toroq fl-UE, il-mobbiltà sostenibbli, u jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni u tal-oġġetti fl-UE. Għal dan il-għan, l-inizjattiva għandha l-oġġettivi speċifiċi li: (1) tiżgura l-konsistenza, l-oġġettività u l-kwalità tal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali tal-vetturi tal-lum u ta' għada; (2) tnaqqas b'mod sinifikanti t-tbaġħbis u ttejjeb id-detezzjoni tal-vetturi li jkollhom nuqqasijiet, biex tippermetti d-detezzjoni tas-sistemi tal-kontroll tas-sikurezza u tal-emissjonijiet difettużi jew imbaġħbsa

(jiġifieri t-tniġġis tal-arja u l-emissjonijiet tal-istorbju), kif ukoll tal-frodi fl-odometru; u (3) ittejjeb il-ħżin elettroniku u l-iskambju ta' ċerta data speċifika tal-vetturi, u b'hekk tindirizza l-problema ta' nuqqas ta' disponibbiltà biżżejjed ta' din id-data u r-rikonoxximent reċiproku mill-awtoritajiet tal-infurzar.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

Billi t-trasport bit-triq u l-industrija tal-karozzi joperaw b'mod transfruntier fis-suq intern u internazzjonalment, huwa ħafna aktar effiċjenti u effettiv li d-diffikultajiet jiġu indirizzati fil-livell tal-UE milli fil-livell tal-Istati Membri. Filwaqt li l-prattiki nazzjonali jvarjaw storikament, ċertu livell minimu ta' armonizzazzjoni fl-ittestjar tal-vetturi u soluzzjonijiet maqbula b'mod komuni għall-iskambju tad-data tal-vetturi bejn l-Istati Membri hu aktar effettiv milli jkollok bosta soluzzjonijiet nazzjonali mhux ikkoordinati. B'regoli komuni, applikati għall-ittestjar tat-teknoloġiji moderni tal-vetturi (vetturi elettriċi (EVs), sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieqa (ADAS) u l-aħħar tagħmir tal-kontroll tal-emissjonijiet), l-Istati Membri se jiksbu ekonomiji ta' skala u l-manifatturi tat-tagħmir tal-ittestjar ikunu jistgħu joperaw f'suq aktar omoġenju.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma d-diversi alternattivi biex jintlaħqu l-oġettivi? Hemm alternattiva li hi ppreferuta jew le? Jekk le, għalfejn?

Tfasslu erba' alternattivi ta' politika (PO1a, PO1b, PO2, PO3) biex jindirizzaw il-problemi. L-alternattivi ta' politika lkoll jadattaw il-PTI għall-EVs u jinkludu elementi ġodda tat-test permezz tal-ePTI (inkluż l-ittestjar tal-integrità tas-software tas-sistemi rilevanti għas-sikurezza u għall-emissjonijiet). Dawn jinkludu wkoll metodi ġodda tal-ittestjar tal-emissjonijiet għall-partikoli u għall-NOx, li tant huma meħtieġa biex jadattaw għal teknoloġiji aktar riċenti tal-kontroll tal-emissjonijiet u biex jaqbd u l-vetturi b'emissjonijiet qawwjin, inkluż dawk imbagħbsa. L-alternattivi ta' politika jinkludu wkoll test tal-affidabilità stradali wara xi modifika sinifikanti li tkun tinvolvi, pereżempju, it-tibdil tas-sistema ta' propulsjoni jew fil-klassi tal-emissjonijiet, flimkien mad-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali, li jorbot flimkien ir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u jestendi s-sett tad-data armonizzata tal-vetturi f'dawk ir-reġistri. Barra minn hekk, l-alternattivi ta' politika jintroduċu wkoll rekwiżit biex l-Istati Membri jirreġistraw il-qari tal-odometru fil-bażijiet tad-data nazzjonali u jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal Stati Membri oħra fil-każ ta' reġistrazzjoni mill-ġdid.

Minbarra l-miżuri komuni, il-**PO1a** qed tiffoka fuq użu aktar effiċjenti tad-data (ta' reġistrazzjoni u ta' status) tal-vetturi, inkluż il-ħruġ ta' ċertifikati tar-reġistrazzjoni b'format diġitali. Il-**PO1b** tiffoka fuq spezzjonijiet tekniċi aktar effettivi permezz tat-teknoloġija tat-telerilevament, li tippermetti l-identifikazzjoni ta' vetturi potenzjalment b'emissjonijiet qawwjin li (i) tista' ssirilhom spezzjoni waqt xi traġitt minnufih wara li jiġu identifikati jew (ii) jiġu mistiedna għal test tal-emissjonijiet f'ċentru tal-affidabilità stradali. Din l-alternattiva tneħħi wkoll il-possibbiltà li l-muturi jiġu eżentati mill-PTI, teżiġi ttestjar annwali tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief u tagħmel l-ispezzjoni tal-irbit tal-merkanzija obligatorja. Il-PO1b tintroduċi wkoll PTIs annwali obligatorji għall-vetturi li għalqu l-10 snin. Il-PO1b tiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni, billi teżiġi li l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jirrikonoxxi ċ-ċertifikati tal-PTI maħruġa minn xi Stat Membru ieħor għal perjodu sa sitt xhur, diment li l-PTI ta' wara ssir fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

Il-**PO2** tikkombina ħafna mill-miżuri tal-PO1a u l-PO1b. Din tinkludi miżura addizzjonali dwar il-governanza tad-data, maħsuba biex tiddefinixxi l-proċeduri u l-mezzi tal-aċċess għall-

informazzjoni teknika dwar il-vetturi (inkluż id-data ta' ġol-vettura). Din tintroduċi wkoll spezzjonijiet waqt it-traġitt għall-vetturi kummerċjali ħfief. Il-**PO3** hija l-aktar alternattiva ta' politika ambizzjuża, għax tmur ferm lil hinn mill-armonizzazzjoni tal-ambitu u l-metodi tal-ittejtjar tal-affidabbiltà stradali u r-rikonossiment reċiproku taċ-ċertifikati tal-PTI. Mal-miżuri inklużi fil-PO2, il-PO3 tkompli twessa' l-ambitu tal-PTI biex ikun ikopri lill-muturi kollha mingħajr eċċezzjoni u lit-trejlers ħfief, u testendi l-RSI għall-muturi. Din tinkludi wkoll rekwiżiti li ċ-ċertifikati tal-PTI maħruġa f'xi Stat Membru ieħor tal-UE jiġu rikonossuti mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni mingħajr limitazzjonijiet.

Il-PO2 hija l-alternattiva ppreferuta għax titqies effettiva biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika, tippreżenta effiċjenza u benefiċċji netti kbar, u hi koerenti mal-politiki nazzjonali stabbiliti sew fil-qasam.

X'inhil-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema alternattiva u min jappoġġaha?

L-alternattiva ta' politika ppreferuta għandha l-appoġġ tal-industrija tal-PTI (CITA, FSD u oħrajn) u tal-konsumaturi (FIA), il-manifatturi tat-tagħmir tal-ittejtjar (EGEA) u l-manifatturi tal-muturi (ACEM). Għandha l-appoġġ ukoll ta' xi Stati Membri, b'mod partikolari dawk li jiddependu fuq eluf ta' ċentri iżgħar tal-ittejtjar tal-affidabbiltà stradali. Rigward l-aċċess u l-iskambju tal-informazzjoni, diversi risponenti (fosthom CITA, EGEA u EReg) enfasizzaw l-importanza ta' aċċess liberu u faċli għad-data ta' ġol-vettura biex tkun tista' ssir spezzjoni xierqa tal-vetturi. Ir-rekwiżiti aktar stretti għall-irbit tal-merkanzija inklużi f'din l-alternattiva għandhom l-appoġġ totali tal-industrija tal-loġistika.

Ċ. Impatti tal-alternattivi ppreferuti

X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?

Il-PO2 se tikkontribwixxi biex tiżdied is-sikurezza fit-toroq tal-UE, bl-impatt stmat li se jsalva l-ħajja ta' 6,912-il persuna u jevita 64,885 korriment serju tul il-perjodu 2026-2050, meta mqabbel max-xenarju bażi. Din se tikkontribwixxi wkoll għall-mobbiltà sostenibbli għax tnaqqas l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa tal-arja u tal-istorbju, u se tikseb iffrankar fil-kostijiet esterni li hu stmat għal EUR 83.4 biljun (espress bħala valur attwali tul il-perjodu 2026-2050 meta mqabbel max-xenarju bażi). Din se tikkontribwixxi biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni u tal-oġġetti fl-UE, għax ineħħi l-ostakli għar-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi fi Stat Membru ieħor u r-rikonossiment (limitat) taċ-ċertifikati tal-PTI fl-UE kollha.

Il-PO2 mistennija tipprovdi benefiċċji sinifikanti għax tintroduċi metodi tal-ittejtjar għall-ispezzjoni tal-vetturi elettriċi, ittejtjeb l-ittejtjar tal-emissjonijiet (il-kejl tal-NOx u tal-PN), u ddaħħal metodi tal-ittejtjar għall-ADAS u sistemi oħra tas-sikurezza. L-ittejtjar annwali tal-vetturi li għalqu l-10 snin mhux biss se jipprovdi benefiċċji ambjentali u tas-sikurezza kbar, iżda se joħloq eluf ta' impjiegi ġodda, speċjalment fl-Istati Membri li qed jitolfu l-impjiegi fl-industrija tal-karozzi. Il-benefiċċji huma mistennija wkoll bis-saħħa tal-introduzzjoni tal-ispezzjonijiet obbligatorji tal-irbit tal-merkanzija u l-miżuri ta' governanza tad-data. Ċerti metodi ġodda tal-ittejtjar, bħall-insewiment tad-dħaħen u t-telerilevament biex jiġu skrinjati l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa u tal-istorbju ta' għadd kbir ta' vetturi, se jagħmlu d-detezzjoni tal-vetturi b'emissjonijiet qawwijin ferm aktar effiċjenti.

Il-PO2 mistennija ttejtjeb id-detezzjoni u b'hekk twassal għal inqas vetturi difettużi u mbaġħsa fit-toroq, inkluż bl-estensjoni tal-RSI għall-vetturi kummerċjali ħfief. Mistennija wkoll twassal għal tnaqqis sinifikanti fit-tbaġħbis tal-odometru bis-saħħa tal-obbligu ta' reġistrazzjoni tal-qari tal-odometru u li r-rekords isiru disponibbli fil-każ ta' reġistrazzjoni mill-ġdid. Barra minn

hekk, għandha tipprovdi benefiċċji minħabba ċ-ċertifikat elettroniku obligatorju tal-affidabbiltà stradali, l-introduzzjoni tad-dokument ta' reġistrazzjoni tal-vetturi b'format diġitali, l-aċċess għar-rapporti tal-PTI fil-bażijiet tad-data nazzjonali, u l-estensjoni tad-data rilevanti tal-vetturi inkluża fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi. Il-benefiċċji totali tal-alternattiva ta' politika ppreferuta huma stmati għal EUR 391.6 biljun, espressi b'ċifri attwali tul il-perjodu 2026-2050 meta mqabbel max-xenarju bażi.

X'inhuma l-kostijiet tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-kostijiet totali tal-alternattiva ta' politika ppreferuta (PO2) huma pproġettati għal EUR 65.9 biljun, espressi b'valur attwali tul il-perjodu 2026-2050 meta mqabbel max-xenarju bażi. Minn dawn, l-akbar sehem tal-kostijiet huma l-kostijiet amministrattivi għal negozji oħrajn (jiġifieri s-sidien tal-vetturi) minħabba spezzjonijiet tekniċi perjodiċi addizzjonali u biex jikkooperaw mal-awtoritajiet pubbliċi waqt spezzjoni tul it-traġitt (jiġifieri madwar 39% tal-kostijiet totali tal-PO2), imbagħad warajhom il-kostijiet tal-aġġustament għaċ-ċentri tal-PTI (it-tagħmir, it-taħriġ, u spetturi addizzjonali biex jagħmlu l-ispezzjonijiet), li jirrappreżentaw madwar 35% tal-kostijiet totali tal-PO2. Il-kostijiet amministrattivi għall-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali huma relatati l-aktar mal-istabbiliment tal-bażi tad-data għall-qari tal-odometru u t-tħaddim tas-sistema (3.6% tal-kostijiet totali tal-PO2). Min-naħa l-oħra, il-kostijiet amministrattivi għaċ-ċittadini huma stmati għal 21% tal-kostijiet totali tal-alternattiva ta' politika ppreferuta u huma kkawżati minħabba l-ittestjar annwali obligatorju tal-vetturi li għalqu l-10 snin, l-introduzzjoni tal-ispezzjonijiet waqt it-traġitt għall-muturi, u t-testijiet addizzjonali tal-emissjonijiet għall-vetturi li jinstab li jħallu emissjonijiet qawwijin. Il-kostijiet l-oħra jirrappreżentaw sehem relattivament żgħir tal-kostijiet totali.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

Se jkun hemm kostijiet addizzjonali għaċ-ċentri tal-ispezzjoni li huma SMEs biex jadattaw ruħhom għall-vetturi elettriċi u ibridi, biex idaħħlu l-ePTI għal verifika tal-konformità mar-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali, għall-ittestjar obligatorju tal-PN u tal-NOx, għat-testijiet addizzjonali tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief, u għall-ittestjar tal-istorbju tal-muturi. Dawn il-kostijiet addizzjonali huma relatati mat-taħriġ tal-ispetturi u l-akkwist tat-tagħmir meħtieġ. Iżda l-kostijiet tat-tagħmir addizzjonali jfissru dħul addizzjonali għall-manifatturi tat-tagħmir tal-garaxxijiet, li ħafna minnhom huma wkoll SMEs. Fl-istess ħin, l-operaturi tal-PTI se jkunu jistgħu jirkupraw iż-żidiet fil-kostijiet permezz tat-tariffi tal-PTI, u b'hekk iżommu l-livelli tal-profitt tagħhom u jiksbu sorsi ġodda ta' dħul. Primarjament se jkunu l-SMEs li se jibbenefikaw mid-19,000 sal-20,000 impjeg ġdid li se jinħolqu bis-saħħa ta' ttestjar aktar frekwenti u aktar sofistikati. Filwaqt li l-operaturi l-kbar tal-PTI jaf jibbenefikaw aktar miż-żgħar, fil-prinċipju lkoll għandhom jiggwadanjaw. Fl-aħħar nett, infurzar aktar effettiv tal-qafas tal-affidabbiltà stradali se jiżgura kompetizzjoni aktar ġusta, inaqqas l-opportunitajiet ta' vantaġġ fil-prezz minħabba standards aktar baxxi tal-vetturi, u jevita l-manutenzjoni meħtieġa tal-vetturi.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-alternattiva ta' politika ppreferuta mistennija tikkawża kostijiet amministrattivi ta' darba u rikorrenti għall-awtoritajiet tal-Istati Membri, stmati għal EUR 2.39 biljun, espressi b'valur attwali tul il-perjodu 2026-2050. Dawn il-kostijiet se jinħolqu minħabba l-miżura li tindirizza l-frodi fl-odometru għax trid tiġi żviluppata sistema għar-reġistrazzjoni tal-qari tal-odometru tal-vetturi fil-garaxxijiet u fi stazzjonijiet oħra tat-tiswija. Il-kostijiet amministrattivi totali ta' darba u rikorrenti minħabba din il-miżura, espressi b'valur attwali tul il-perjodu 2026-2050,

huma stmati għal EUR 2.12 biljun. Barra minn hekk, l-ittestjar tal-vannijiet waqt it-traġitt se jiġġenera kostijiet amministrattivi rikorrenti (jiġġifieri kostijiet lavorattivi għall-ispezzjonijiet addizzjonali), stmati għal EUR 107.5 miljun espressi bħala valur attwali tul il-perjodu 2026-2050 meta mqabbel max-xenarju bażi.

Il-kostijiet totali tal-aġġustament tal-alternattiva ta' politika ppreferuta huma stmati għal EUR 207.2 miljun, espressi bħala valur attwali tul il-perjodu 2026-2050 meta mqabbel max-xenarju bażi, li EUR 29.7 miljun minnhom huma kostijiet ta' darba. L-aktar kostijiet addizzjonali sinifikanti tal-aġġustament li se jġarrbu l-awtoritajiet huma minħabba l-introduzzjoni tat-telerilevament, u minħabba l-possibbiltà li l-insegwiment tad-dħaħen jintuża biex jitkejlu l-emissjonijiet tal-NOx mit-trakkijiet, kif ukoll minħabba l-installazzjoni ta' kameras tal-istorbju. Dan jinvolvi kostijiet ta' darba għax-xiri tat-tagħmir meħtieġ, l-istabbiliment tal-infrastruttura tal-informatika korrispondenti u t-taħriġ relatat tal-ispetturi, kif ukoll kostijiet rikorrenti għall-manutenzjoni tat-tagħmir u l-ġestjoni tad-data, u kostijiet lavorattivi għall-ispetturi li jwettqu l-insegwiment tad-dħaħen. Il-kostijiet totali tal-aġġustament dovuti għal din il-miżura tul il-perjodu 2026-2050 huma stmati għal EUR 192.9 miljun, espressi bħala valur attwali meta mqabbel max-xenarju bażi.

Barra minn hekk, l-inizjattiva mistennija tikseb iffrankar fil-kostijiet tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, li jinħolqu biex iċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali jibda jsir b'format elettroniku, biex jintrabtu flimkien ir-reġistri nazzjonali tal-vetturi, u biex jibdeu jinħarġu ċertifikati tar-reġistrazzjoni diġitali. L-iffirankar mistenni jkun sinifikanti u jlaħħaq mal-EUR 5.23 biljun, espress bħala valur attwali tul il-perjodu 2026-2050.

Proporzjonalità

L-alternattiva ta' politika ppreferuta hija meqjusa proporzjonata għal dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika ġenerali. L-ambitu tal-alternattiva hu limitat għal dak li jista' jinkiseb l-aħjar fil-livell tal-UE (mil-lat ta' armonizzazzjoni tal-metodi u l-ambitu tal-ittestjar, kif ukoll fis-sejbien ta' soluzzjonijiet komuni biex ikunu żgurati l-kondiviżjoni u l-aċċess effiċjenti għad-data meħtieġa tal-vetturi). Għalkemm uħud mill-miżuri jinvolve kostijiet sinifikanti, il-benefiċċji huma ferm akbar mill-kostijiet.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Ħames snin wara l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni riveduta, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-RWP biex tivverifika sa liema punt intlaħqu l-oġġettivi tal-inizjattiva u tipprovdi s-sejbiet ewlenin tagħha dwar l-implimentazzjoni fir-rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Meta meħtieġ, ir-rapport għandu jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet xierqa.